

32001R1043

L 145/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.5.2001

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1043/2001

tat-30 ta' Mejju 2001

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1431/94, (KE) Nru 1474/95, (KE) Nru 1866/95, (KE) Nru 1251/96, (KE) Nru 2497/97, (KE) Nru 1899/97, (KE) Nru 1396/98 u (KE) Nru 704/1999 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi tal-Komunità fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/96(2), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (²), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 15, tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar is-sistema komuni ta' kummerċ għall-ovalbumina u l-lattolbumina (⁵), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2916/95(2), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u li jipprovidi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċanga ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-majjal, laħam tat-tjur, qamħ u cħereali, granza, smida u residwi oħra (⁶), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2198/95 (⁷), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implementazzjoni tal-konċessjonijiet stabbiliti fi Skeda CXL mħejjija mat-tmiem tan-negożjati GATT XXIV.6 (⁸), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1706/98 ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar l-arranġamenti applikabbi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċċassar tal-prodotti agrikoli li jorġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (Stati AKP) u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 715/90 (⁹), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1349/2000 tad-19 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli

(¹) ġu L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.

(²) ġu L 189, tat-30.7.1996, p. 99.

(³) ġu L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.

(⁴) ġu L 305, tad-19.12.1995, p. 49.

(⁵) ġu L 282, ta' l-1.11.1975, p. 104.

(⁶) ġu L 91, tat-8.4.1994, p. 1.

(⁷) ġu L 221, tad-19.9.1995, p. 3.

(⁸) ġu L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.

(⁹) ġu L 215, ta' l-1.8.1998, p. 12.

u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa ma' l-Estonja (¹⁰), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2677/2000 (¹¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1727/2000 tal-31 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa ma' l-Ungjerja (¹²), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2290/2000 tad-9 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mal-Bulgarija (¹³), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2341/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mal-Latvja (¹⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2433/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Repubblika Ċeka (¹⁵), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2434/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovidi għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonal, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Repubblika Slovakkia (¹⁶), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

(¹⁰) ġu L 155, tat-28.6.2000, p. 1.

(¹¹) ġu L 308, tat-8.12.2000, p. 7.

(¹²) ġu L 198, ta' l-4.8.2000, p. 6.

(¹³) ġu L 262, tas-17.10.2000, p. 1.

(¹⁴) ġu L 271, ta' l-24.10.2000, p. 7.

(¹⁵) ġu L 280, ta' l-4.11.2000, p. 1.

(¹⁶) ġu L 280, ta' l-4.11.2000, p. 9.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2435/2000 tas-17 ta' Ottubru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdī għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Rumanija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2475/2000 tas-7 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdī għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa ma' l-Islovenja <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2766/2000 ta' l-14 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdī għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mal-Litwanja <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2851/95 tat-22 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u li jipprovdī għall-aġġustament, bħala miżura awtonoma u transizzjonali, ta' ċerti konċessjonijiet agrikoli li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Ewropa mar-Repubblika tal-Polonja u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 3066/95 <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/94 <sup>(5)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2719/1999 <sup>(6)</sup>, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u li jipprovdī għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal-laħam tat-tjur u ċerti prodotti agrikoli oħra.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1474/95 <sup>(7)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1356/2000 <sup>(8)</sup>, jiftaħ u jipprovdī għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa fis-settur tal-bajd u għall-albumina tal-bajd li jirriżultaw mill-ftehim konkluż matul il-Laqqha ta' l-Urgwaj tan-negozjati dwar il-kummerċ multilaterali.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1866/95 <sup>(9)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2807/2000 <sup>(10)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 286, tal-11.11.2000, p. 15.

<sup>(3)</sup> ĠU L 321, tad-19.12.2000, p. 8.

<sup>(4)</sup> ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 7.

<sup>(5)</sup> ĠU L 156, tat-23.6.1994, p. 9.

<sup>(6)</sup> ĠU L 327, tal-21.12.1999, p. 48.

<sup>(7)</sup> ĠU L 145, tad-29.6.1995, p. 19.

<sup>(8)</sup> ĠU L 155, tat-28.6.2000, p. 36.

<sup>(9)</sup> ĠU L 179, tat-29.7.1995, p. 26.

<sup>(10)</sup> ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 10.

jistabbilixxi l-proċeduri għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ta' l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim dwar il-kummerċ ħieles u materji li għandhom x-jaqsmu mal-kummerċ bejn il-Komunità, minn naħa l-waħda, u l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, minn naħa l-oħra.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/96 <sup>(11)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1357/2000 <sup>(12)</sup>, jiftaħ u jipprovdī għall-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa fis-settur tal-laħam tat-tjur.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2497/96 <sup>(13)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1514/97 <sup>(14)</sup>, li jistabbilixxi l-proċeduri għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ta' l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fil-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1899/97 <sup>(15)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2865/2000 <sup>(16)</sup>, jistabbilixxi regoli ta' l-applikazzjoni fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd għall-arranġamenti koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3066/95 u jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2699/93 u (KE) Nru 1559/94.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1396/98 <sup>(17)</sup> jistabbilixxi proċeduri sabiex ikun applikat fis-settur tal-laħam tat-tjur ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/98 dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li jorġinaw fit-Turkija, jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 4115/86 u jemenda r-Regolament (KE) Nru 3010/95.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 704/1999 <sup>(18)</sup>, jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' bajd u prodotti tal-laħam tat-tjur li jorġinaw fl-Istati Afrikani, tal-Karibew u Paċifiċi (Stati AKP) u jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 903/90.
- (9) Il-validità ta' l-iċenzi ta' l-importazzjoni għandha tiskadi fl-aħħar ta' kull sena ta' kwota nhar il-31 ta' Diċembru jew it-30 ta' Ġunju. Sabiex jitħalla kummerċ kontinwu permezz ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni għall-bajd u l-laħam tat-tjur u sabiex tkun assigurata effiċjenza amministrattiva, il-perjodu għad-dħul ta' l-iċenzi għandu jinġieb il-quddiem għax-xahar ta' qabel kull tlett xhur. Sabiex ikun assigurat ħruġ mgħażżeġ biżżejjed ta' l-iċenzi, il-perjodu li fih jistgħu jiddaħħlu applikazzjonijiet għandu jiġi mnaqqas minn 10' ijiem għal 7' ijiem.
- (10) Sabiex ikun assigurat management xieraq tal-kwantitatijiet permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1866/95 u (KE) Nru 2497/98, (KE) Nru 1899/97 u (KE) Nru 1396/98, hemm bżonn li tiġi ffissata data finali għall-validità ta' l-iċenzi fl-aħħar ta' kull sena ta' kwota.

<sup>(11)</sup> ĠU L 161, tad-29.6.1996, p. 136.

<sup>(12)</sup> ĠU L 155, tat-28.6.2000, p. 38.

<sup>(13)</sup> ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 48.

<sup>(14)</sup> ĠU L 204, tal-31.7.1997, p. 16.

<sup>(15)</sup> ĠU L 267, tat-30.9.1997, p. 67.

<sup>(16)</sup> ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 6.

<sup>(17)</sup> ĠU L 187, ta' l-1.7.1998, p. 41.

<sup>(18)</sup> ĠU L 89, ta' l-1.4.1999, p. 29.

- (11) Sabiex tkun assigurata amministrazzjoni tajba ta' l-arranġamenti ta' l-importazzjoni, il-Kummissjoni għandha jkollha fid-disposizzjoni tagħha informazzjoni preċiża pprovdu mill-İstati Membri dwar il-kwantitajiet fil-fatt importati. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, għandu jin-tuża mudell wieħed mill-İstati Membri sabiex jinnotifikaw il-kwantitajiet lill-Kummissjoni.
- (12) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv dwar il-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1866/95, (KE) Nru 2497/96, (KE) Nru 1899/97 u (KE) Nru 1396/98 huma emendati kif ġej:

- (a) L-Artikolu 4(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom jiddaħħlu matul l-ewwel sebgħa t'ijiem tax-xahar ta' qabel kull perjodu kif speċifikat fl-Artikolu 2.”;

- (b) Il-paragrafu 8 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 4:

“8. L-İstati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara kull perjodu annwali speċifikat fl-Anness I, bil-volum totali tal-prodotti importati għal kull wieħed mill-gruppi taħt dan ir-Regolament, matul dak il-perjodu.

In-notifikasi kollha, li jinkludu dawk ‘xejn’, għandhom isiru billi jużaw il-mudell fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.”;

- (c) Is-segwenti huwa miżjud ma' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 5:

“B'dana kollu, l-validità tal-liċenzi ma għandhiex teċċedi t-tmiem ta' l-aħħar perjodu tas-sena li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 2 li għaliex tkun għiet maħruġa l-liċenza.”

**Artikolu 2**

Ir-Regolament (KE) Nru 1431/94 huwa emendat kif ġej:

- (a) L-Artikolu 4(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom jiddaħħlu matul l-ewwel sebgħa t'ijiem tax-xahar ta' qabel kull perjodu kif speċifikat fl-Artikolu 2.”;

- (b) il-paragrafu 7 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 4:

“7. L-İstati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara kull perjodu annwali speċifikat fl-Anness I, bil-volum totali tal-prodotti importati għal kull wieħed mill-gruppi taħt dan ir-Regolament, matul dak il-perjodu.

In-notifikasi kollha, li jinkludu dawk ‘xejn’, għandhom isiru billi jużaw il-mudell fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.”

**Artikolu 3**

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1474/95 u (KE) Nru 1251/96 huma emendati kif ġej:

- (a) L-Artikolu 5(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

“1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom jiddaħħlu matul l-ewwel sebgħa t'ijiem tax-xahar ta' qabel kull perjodu kif speċifikat fl-Artikolu 2.”;

- (b) il-paragrafu 8 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 5:

“8. L-İstati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara kull perjodu annwali speċifikat fl-Anness I, bil-volum totali tal-prodotti importati għal kull wieħed mill-gruppi taħt dan ir-Regolament, matul dak il-perjodu.

In-notifikasi kollha, li jinkludu dawk ‘xejn’, għandhom isiru billi jużaw il-mudell fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.”

**Artikolu 4**

Ir-Regolament (KE) Nru 704/1999 huwa emendat kif ġej:

- (a) L-Artikolu 4(4) huwa mibdul b'dan li ġej:

“4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom jiddaħħlu matul l-ewwel sebgħa t'ijiem tax-xahar ta' qabel kull perjodu kif speċifikat fl-Artikolu 3.”;

- (b) il-paragrafu 9 li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 4:

“9. L-İstati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel l-aħħar tar-raba' xahar ta' wara kull perjodu annwali speċifikat fl-Anness I, bil-volum totali tal-prodotti importati għal kull wieħed mill-gruppi taħt dan ir-Regolament, matul dak il-perjodu.

In-notifikasi kollha, li jinkludu dawk ‘xejn’, għandhom isiru billi jużaw il-mudell fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.”

*Artikolu 5*

L-Anness għal dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness IV għar-Regolamenti (KE) Nru 1431/94, (KE) Nru 1474/95, (KE) Nru 1866/95, (KE) Nru 1251/96, (KE) Nru 2497/96, (KE) Nru 1899/97, (KE) Nru 1396/98 u (KE) Nru 704/1999.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

## “ANNESS IV

**NOTIFIKA LI TIKKONĊERNA L-IMPORTAZZJONI ATTWALI**

Stat Membru: .....

Applikazzjoni ta' Artikolu ..... tar-Regolament.....

Kwantità tal-prodotti (l'kg) attwalment importati:

*Ibgħata lil: DG AGRI/D/2 - Nru tal-Fax (32-2) 296 62 79*

Nru tal-Grupp	Kwantità attwalment importata	Pajjiż ta' l-oriġini'